**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 128/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Kersten Catania**

Illum 4 ta' Settembru, 2018.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Kertsten Catania, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 422191M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru 2009 mill-Qormi Football Club Nursery, li jinsab fi Triq il-Belt Valletta, Qormi, flimkien ma' persuni ohra kkometta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Kevin D'Amato u/jew persuna/i ohra;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiheor, mobbli jew immobbli, u cioé fuq *vending machine*, liema

ammont ta' hsara jiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Kevin D'Amato u/jew persuna/i ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija nhar is-16 ta' Jannar, 2014, wara li rat Artikoli 17(h), 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-imputat sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdet lill-imputat Kersten Catania taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti dakinhar stess u anness ma' dik is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Kersten Catania bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness mas-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* kellhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Kersten Catania.

Fl-ahhar nett, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma mija u sebgha u erbghin Euro u disgha u sebghin centezmu (€ 447.79) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti fl-inkjesta magisterjali li giet ezebita f' dawn il-proceduri.

Rat ir-Rikors (*a fol.* 63) tal-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja tal-11 ta' Jannar 2017 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta' l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn informat lil din il-Qorti bis-segwenti:

*"1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Kersten Catania numru ta' identita' 422191M residenti Ustinov Stable, Triq is-Serkin, Marsa b'numru tat-telefon 99093024;*

*2. Illi Kersten Catania naqas li jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-Ufficcju u l-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi moghtija lilu;*

*3. Illi huwa naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-isess Ufficjal tal-Probation sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga".*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Kersten Catania kiser l-Ordni ta' *Probation* tas-16 ta' Jannar 2014, filwaqt li ma ghandhiex ghalfejn tirrevoka l-Ordni msemmija ghar-raguni ndikata fil-paragrafu precedenti, **trattat** ma' Kersten Catania mill-gdid ghar-reati imsemmija hawn fuq u, wara li rat Artikoli 17(h), 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **ikkundannat** lil Kersten Catania ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Finalment, il-Qorti attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-hati l-ghajnuna kollha mehtiega minhabba l-problema ta' droga li ghandu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kersten Catania, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din il-Qorti, tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati u tilliberah skont il-ligi u minghajr pregudizzju fil-

parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Kersten Catania li huma is-segwenti:

1. Illi fuq linea preliminari l-esponent hassu aggravat billi s-sentenza moghtija, sabithu hati ta' dak allegat billi l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett ghamlet apprezzament hazin tal-provi;
2. Illi fix-xhieda taghha l-ufficjal tal-Probation tallega li l-imputat kien naqas illi jattendi seduti pero' meta kontro-ezaminata fuq jekk kienitx taf jekk l-imputat kien a konoxxjenza tal-appuntament din naqset li tikkonferma dan u b'hekk il-prosekuzzjoni ma pprovatx dak allegat minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Jidher li f'din il-kawza l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' serq aggravat u hsara volontarja fuq ammissjoni tieghu stess u kienet ghall-ewwel tat-chance lill-istess appellant sabiex jirriforma ruhu tant li lliberatu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin u appuntat probation officer ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in segwitu jidher li l-probation officer Annabel Bugeja pprezentat denunzja u dan ghaliex l-appellant ma kienx qed joqghod ghad-direttivi tal-ordni tal-probation u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti regghet appuntat il-kawza u din id-darba a bazi tal-ammissjoin li kien rregistra quddiemha, iddecidiet li titratta mieghu mill-gdid dwar l-akkuzi li kienet sabithu hati taghhom u kkundannatu ghal tmintax-il xahar

prigunerija.

L-appellant illum qieghed jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u dan ghaliex ma hemmx prova fl-atti li in veritá huwa ma qaghdx ghad-direttivi tal-probation officer.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Huwa minnu li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina l-atti tal-kaz sabiex proprju tara x'inhuma l-provi li ressqet in sostenn tad-denunzja tal-ufficjal tal-Probation u dan ghaliex fir-rigward tar-reati *ut sic* l-appellant kien diga' rregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti nhar is-16 ta Jannar, 2014.

Il-Qorti ezaminat id-digriet tal-Probation li jinsab esebit fl-atti a fol 24 u minn ezami tal-istess jirrizulta li s-segwenti kundizzjonijiet kienu dawk li ingahtaw mill-ewwel Qorti fl-ordni taghha u cioe:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, huwa ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-probation officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-Probation mahtur ghall-dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub li din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.
3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b'kull tibdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt ma l-ufficcjal tal-Probation skont id-direttivi li taghtih minn zmien ghal zmien l-istess Ufficcjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficcjal tal-Probation.

Rat ir-rikors tad-denunzja tal-Probation Officer prezentat fir-registru ta' din il-Qorti

nhar it-13 ta' Awwissu, 2014 fejn l-ufficcjal tal-Probation ghogbu jinforma lill-ewwel Qorti li l-appellant naqas li jzomm kuntatt maghha skond id-direttiva moghtija lilu kif ukoll talli naqas li jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti datat 13 ta' Awwissu, 2014 fejn ordnat in-notifika tieghu lill-ispettur Fabian Fleri, lill-Ufficcjal tal-Probation u lill-appellant u appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh.

Rat ix-xhieda moghtija mill-ufficcjal tal-Probation Annabel Bugeja moghtija nhar id-29 ta' Settembru, 2014 (fol. 35). Spjegat li kienet ilha issegwi lill-appellant mis-16 ta' Jannar, 2014 wara li kien inghata l-Probation Order. Tghid li ko-operazzjoni shiha min naha tal-appellant ma kienx hemm. Kien attenda ghall-hames appuntamenti minn tlettax u dan kollu sar qabel ma gie prezentat ir-rikors tad-denunzja. Fl-ewwel sessjoni li kien attenda kien ittiehdet kampjun tal-awrina u dan fil-5 ta' Frar, 2014 u dan instab posittiv ghall-presenza ta' kannabis u kokaina. Hija ghalhekk qaltlu sabiex imur ghall-ghajnuna l-Caritas pero' dan ma riedx imur u ghalhekk ma sar l-ebda kuntatt.

Peress li dak iz-zmien l-appellant ma kiex qed jahdem gie wkoll riferut ghall- kors ta' *life skills* pero' rrifjuta li jsegwi dan il-kors ukoll.

In segwitu naqas li jattendi ghall-appuntamenti segwenti, dak tat-13 ta' Frar, 2014, izda attenda ghal dawk tal-20 u tas-27 ta' Frar, 2014.

Rega' naqas li jattendi ghall-appuntament tat-12 ta' Marzu, 2014 izda attenda ghall-appuntament tal-21 ta' Marzu, 2014 fejn ammetta maghha li kien qed jabbuza mid-droga kokaina u eroina. Huwa rega' attenda l-appuntament tal-11 ta' April, 2014 pero' ma regax mar wara dik id-data.

Tghid li sar diversi tentattivi biex taghmel kuntatt mal-appellant permezz ta' telefon pero' dan il-kuntatt ma kienx gie stabilit, b'hekk fis-6 ta Gunju, 2014 ghamlet zjara fir-

residenza tieghu. Spjegat li marret tfittxu u tatu apputnament ghall-11 ta' Gunju, 2014 izda ma marx ghal darb ohra. Kien sar kuntatt iehor permezz tat-telefon fejn giet iffissata laqgha ohra ghat-3 ta' Lulju 2014 izda l-appellant ma attendiex u ghalhekk bdiet tibghat l-ittri bl-appuntamenti. Baghtet ittra ghall-appuntament ghall-10 ta' Lulju u wara ghas-17 ta' lulju, 2014 u t- tielet wahda ghall-5 ta' Awwissu, 2014 izda ma attendiex ghalihom u kien ghalhekk li pprezentat id- denuzja.

Fuq domanda tal-Qorti jekk l-appellant ghamilx xi sofrz wara li giet prezentata id-denunzja tghid li kien hemm u dan ghaliex tatu tlett appuntamenti u attenda ghalihom, ittiehdulu zewg testijiet tal-awrina u dawn taw risultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Tispjega ukoll li kien mar ghal xi appuntament il-Caritas u attenda ghal xi appuntament minnhom izda falla l-iehor.

L-ewwel Qorti regghet semghet il- Probation Officer Annabel Bugeja tixhed fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2014 u qalet li minn l-ahhar darba li kienet xehdet il-Qorti hija tat-tlett appuntamenti lill-appellant izda hu attenda ghal tnejn minnhom u falla wiehed biss. F'dawn l-appuntamenti wera' ko-operazzjoni u jidher li speci qed jifhem il-beneficcju tal-Probation Order. Qalet li dakinhar tas-seduta ittiehed kampjun tal-awrina sabiex issir test ghall-prezenza ta' xi droga izda r- risulat kien wiehed negattiv. Tghid li kellu zewg appuntamenti l-Caritas wiehed nhar is-17 ta' Settembru, 2014 u l-iehor fl-10 ta' Novembru, 2014 izda ma attenda ghall-ebda wiehed minn dawn l-appuntamenti.

L-Ufficjal tal-Probation regghet xehdet nhar id-9 ta' Marzu, 2015 ( fol. 42) u spjegat li l-appellant kien inghata sentenza ta' habs minn Qorti ohra u ghalhekk ma zammx l-appuntamenti li kellu maghha. Marret tarah il-habs u dan ikkofessa maghha li kien ghaddej minn perjodu kaotiku f'hajtu u li kien qed jerga jabbuza mid-droga u din waslitlu biex jerga jikser il-ligi. Gewwa il-habs deher aktar stabbli u forsi ftit motivat ghall-programm. Spjegat li hasbet li kien motivat ghaliex fis-sentenza li nghata mill-ewwel Qorti fid-29 ta' Jannar, 2015 kien hemm indikat li l-appellant kellu jibda programm kontra l- abbuz ta' droga u kien hu li mar jirregistra ghall dan il-programm

u ghalhek fissret li deher daqxejn motivat.

Fis-6 ta Lulju, 2015 regghet xehdet il-Probation Officer u stqarret li l-appellant kellu jibda programm ta' riabilitazzjoni u li t-testijiet tieghu tal-awrina li hadet kienu taw rizutlat negattiv ghall-presenza ta' droga. Pero' ftit qabel ma kien ser jibda' l-programm kienet irceviet notifika mill- habs fejn giet infurmata li l-appellant ma kienx qed jikkopera minkejja li l- ahhar tlett rizulati tat- testijiet li ghamlet ghall-prezenza ta' droga kienu taw risultat negattiv ghall tali prezenza.

Fil-25 ta' Settembru, 2015 regghet xehdet u spejgat li l-andament tal-appellant kien wiehed posittiv u li t-testijiet li ttiehdulu taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Pero' dehrilha li minn informazzjoni li nghatat l-appellant kien inghata *key worker* u kien ghalhekk li kien ser jibda prgramm ta' rihabilitazzjoni.

Nhar it-28 ta' Settembru, 2015 l-ewwel Qorti kienet tat is-sentenza taghha wara d-denunzja presentata mill-Ufficcjal tal-Probation nhar it-13 ta' Awwissu, 2014 u l- Qorti kienet iddikajrat li sabithu hati talli kiser kundizzjoni tal-Ordni tal-Probation u kkundannatu hamsin Ewro multa (€50) u ordnat it-tkomplija tal-istess Ordni tal-Probation u li jibda' programm residenzjali una volta jiskonta s-sentenza ta' prignuerija li kien qed jiskonta.

Illi nhar il-11 ta' Jannar, 2017 l-uficcjal tal-Probation regghet ipprezenat rikors iehor dwar denunzja u dan ghaliex l-appellant rega' ma zammx kuntatt maghha u li kien qed jabbuza mill-gdid mid- droga.

Rat id- digriet taghha fejn appuntat dan ir- rikors ghas-smiegh.

Nhar is-7 ta' Frar, 2017 regghet xehdet il-Probation Officer Annabel Bugeja. Spjegat li a bazi tas-sentenza li kienet inghatatlu fit-28 ta' Settembru, 2015 l-appellant kien gie ordnat jibda programm ta' rihabilitazzjoni gewwa Santa Marija pero' fis-7 ta' April, 2016, kien gie sospiz minhabba li kien abbuza mid- droga sintetika. Fl-4 ta' Mejju, 2016

kien rega' intbaghat lura l-programm ta' Santa Marija izda gie terminat tlett ijiem wara u cioe' fis-7 ta' Mejju, 2016. Kien tkecca minhabba problema ta' attitudni li beda jimmanifesta.

Hija kompliet tmur tarah il-habs u fit-3 ta' Awwissu, 2016 infurmaha li kien ser johrog mil-habs. Huwa kien fassal programm li kien ser jattendi ghall-laqghat ghandha gewwa l-ufficini tal-Probation u Parole kif ukoll ghand il-key Worker tieghu Graizella, u dan fi hdan is-Sedqa. Kien gie ppjanat li kellu jissottometti kampjuni tal- awrina u jattendi ghas-sessjonijiet fi hdan l-Agenzija Sedqa.

Tghid pero' li l-appellant ma zammx kelmtu u ma zamm ma l-ebda appuntament jew pjan u kien ghalhekk li kellu jinghalaq il-file. Wara taf li dahal Dar l-Inpenn izda minn hemm telaq ukoll fit-13 ta' Jannar, 2017 bla ma spicca il kura mehtiega.

Mistoqsija kif kienet qed izzomm kuntatt mieghu tghid li jew bit-telefon jew bl-ittra. Mistoqsija jekk kienitx certa li kien jircievi l-ittra tghid li qatt ma riceviet xi ittra mibghtua lilu lura ghandha u tghid li gie izda remotament zamm appuntament.

Illi kif jidher mis-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti tat diversi cansijiet lill-appellant sabiex ma titrattax mieghu ghar-reati li kienet sabitu hati taghhom pero' l-appellant sfida l-awtorita' taghha u dan ghamlu nonostante d-diversi cansijiet li hija tatu, bizzejjed jinghad li r-rikors ghad-denunzja tal-Probation Officer dam pendenti zmien konsidervoli u xorta l-appellant kien qed jirrikorri ghall-abbuz ta' droga u ma kkoperax mal-ufficjal tal-probation, kif mistqarr minnha stess. L-appellant ma jistax jinghata l-impressjoni li jista' jghamel li jrid u ma jobdix l-ordnijiet tal-Qorti specjalment meta l-Qorti f' dan il-kaz kienet propensa sabiex tghinu jindirrizza l-vizzju mishut tieghu tal-abbuz ta' droga. Pero' minflok dan usufruixxa ruhu minn dawn l-opportunitajiet li nghataw lilu b' diversi differimenti sabiex tigi trattata id-denunzja, l-appellant rega' ghogbu li ma jsegwix l-Ordni tal-Probation u jghamel li jrid.

Id-difiza ssostni li l-prosekuzzjoni ma ipprovatx li l-appellant ma kienx qed jikkopera mal-ufficjal tal-Probation. Dan m'hu veru xejn u dan ghaliex kif jirrizulta mix-xhieda ta' Annabel Bugeja stess (li ma gietx kontestata jew michuda mill-appellant) l-appellant ma riedx jaf, ried jibqa' jghix hajtu kif iridha hu bla ma jiehu in konsiderazzjoni l- attenzjoni u dedikazzjoni li kienet qed tinghata lilu.

M'hemmx dubbju li l-ewwel Qorti kienet pacenzjuza mal-appellant aktar milli jmiss, izda l- appellant ma gharafx jisfrutta din l-opportunita' moghtija lilu. Forsi ghadu ma rrealizzax l-appellanti li l-ordnijiet ta' probation saru a beneficcju tieghu  sabiex ikun mghejjun jeghleb il-problemi li jidher li qieghed jiffaccja.

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta'minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi fil-kaz in desamina minkejja li l-ewwel Qorti xtaqet tassew tghin lill-appellant sabiex jtiqieghed fit-triq it-tajba, l-appellant ma wera l-ebda xewqa li jaderixxi ruhu ma l-Ordni moghtija lilu u cioe' li jzomm kuntatt mal-ufficcjal tal-Probation kif ukoll sabiex jindirizza l-problema li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-informazzjoni moghtija mill-ufficcjal tal-Probation hija

indikattiva bizzejjed li ma jkunx hemm "*prospect of success*" ta' mizura partikolari ghar-riforma tal-appellant u ghalhekk thoss li ma hux il-kaz illi tigi mibdula l-piena w tinghata minflok "a non custodial measure. Jidher li l-'*containment*' tieghu biss li jista' possibilment iwassal ghas-success tieghu.

Din il-Qorti tosserva ulterjorment li minekjja li l-appellant ghad-ghandu 27 sena diga' xellef difrejh mal-gustizzja f'reati abbastanza numeruzi u minekejja li gia gie moghti l-beneficcju kemm tal-probation kif ukoll ta' suspended sentence jidher li ma tantx gharaf jiehu l-beneficcju lilu moghti. Il-fedina penali aggornata esebita fl-atti turi kondotta xejn ezemplari u pjuttost refrattarja.

Din il-Qorti hi minn ta' l-ewwel biex tipprova tgħin lil min ikun qabad il-vizzju tad-droga kif del resto jidher li kienet ukoll l-ewwel Qorti. Kien għalhekk li l-ewwel Qorti tat l-opportunita` lill-probationer juri jekk kienx verament dispost biex isegwi ordni ta' probation. Pero' sfortunatament bl-agir tieghu ma wera l-ebda motivazzjoni.

Din il-Qorti, pero`, ma tistax issa tinjora dik it-twissija li kienet tat l-ewwel Qorti lill-probationer u cioe' li jekk ma jħarisx il-kondizzjonijiet kollha fl-ordni ta' probation, ikollu eventwalment ibati r-riguri tal-liġi. Konsegwentement din il-Qorti issa ma għandhiex triq ohra ghajr li tichad l-appell tal-appellanti u tikkofnerma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar l-14 ta Marzu 2017 u tikkonfermaha fl-intier taghha inkluz lr-rakkomandazzjoni li ghamlet lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-ħati l-għajnuna meħtieġa minħabba l-problema ta' droga li għandu, kif ukoll kull għajnuna psikologika tal-volta jkollu bżonn.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur